# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Sitta (6) ta' Ġunju 2023**

**Rikors Numru 934/2020/1 FDP**

Fl-ismijiet

**Fl-atti tal-ittra uffiċjali Nru 3195/2020 ippreżentata nhar it-2 ta' Ottubru 2020 Magħmula fit-termini tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-ismijiet Awtorita` għat-Trasport f'Malta**

**Vs**

**Roderick Baldacchino (K.I. Nru 510978M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 15 ta' Ottubru 2020, li permezz tiegħu ir-rikorrent Roderick Baldacchino talab is-segwenti:

   *Illi din ir-risposta qiegħda ssir fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 466(2) tal-Kap 12.*

   *Illi l-esponent ġie notifikat nhar it-8 ta' Ottubru 2020 b'att ġudizzjarju ippreżentat nhar it-2 ta' Ottubru 2020 fejn l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta qed tippretendi ir-rifużjoni tal-ammont ta' tmienja u erbgħin elf, sitt mija u tnejn u erbgħin ewro u ħamsin ċenteżmu (€48,642.50) rraprezentanti nofs is-salarju imħallas lill-esponent.*

   *Illi l-Awtorita' tat-Trasport kienet issospendiet lill-esponent mix-xogħol tiegħu b'nofs paga b'effett mit-23 ta' Jannar 2013.*

*Illi t-talba tal-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta hija erronjament ibbażata fuq il-premessa li l-proċeduri istitwiti fil-kamp penali ġew definittivament konklużi nhar it-13 ta' Jannar 2015.*

*Illi pero' huwa hawn fejn l-Awtorita' tat-Trasport qiegħda tiżbalja u dana peress illi l-proċeduri penali istitwiti ġew konklużi b'mod definittiv u saru għalhekk 'res judicata' b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Ottubru 2018 (Dok A) u mhux nhar il-13 ta' Jannar 2015.*

*Illi għalhekk ċertament in kwantu t-talba tal-Awtorita' tat-Trasport hija ndirizzata għar-rifużjoni ta' nofs il-paga mħallsa bejn it-13 ta' Jannar 2015 u d-9 ta' Ottubru 2018 din hija infundata.*

*Illi skond it-termini tal-impieg tal-esponent, l-Awtorita' kienet tenuta li tieħu l-passi neċessarji sabiex tara x'passi dixxiplinarji kellhom talvolta jittieħdu fil-konfront tiegħu. Dan pero' baqa' ma sar qatt ħlief meta, fis-16 ta' Settembru 2020 (ara Dok C mal-att ġudizzjarju ppreżentat) l-istess Awtorita' għoġobha li ttermina l-impieg tal-esponent mal-istess Awtorita'.*

*Għaldaqstant l-esponent fid-dawl tal-premess filwaqt li jġib il-premess a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti jitlob umilment lil din l-istess Qorti tiddikjara li t-talba tal-Awtorita' dwar it-Trasport f'Malta kif kontenuta fl-atti tal-att ġudizzjarji fuq imsemmi bħala waħda infondata.*

2. Rat illi fil-11 ta' Novembru 2020, l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta irrispondiet għal dak mitlub billi qajmet is-segwenti difiżi:

    1. *Illi din ir-Risposta qed issir u tiġi ppreżentata bi tweġiba għar-Rikors preżentat minn Roderick Baldacchino fil-15 t' Ottubru, 2020.*

    2. *Illi l-Awtorita' ttenni illi minn meta l-imsemmi Roderick Baldacchino ġie sospiż mix-xogħol stante illi kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali akkużat b'serq aggravat ta' vettura u reċidiva, liema sitwazzjoni naturalment kienet nkompatibbli mal-pożizzjoni tiegħu bħala uffiċjal pubbliku impjegat mal-Awtorita' li, fost affarijiet oħra, hija l-Awtorita' li tirregola r-reġistrazzjoni u liċenzjar ta' vetturi.*

    3. *Illi minn dakinhar 'il quddiem l-imsemmi Roderick Baldacchino baqa' jirċievi ħlas ta' nofs is-salarju mingħajr ma jaħdem proprju sa ftit qabel ma ġiet ippreżentata l-Ittra Uffiċjali li fl-atti tagħha ġew intavolati dawn il-proċeduri, u b'hekk arrikkixxa ruħu indebitament għa-dannu tal-Awtorita' rispondenti fis-somma ta' tmienja u erbgħin elf, sitt mija u tnejn u erbgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€48,642.50).*

    4. *Illi jiġi rilevat illi l-imsemmi Roderick Baldacchino qatt m'għamel assolutament xejn biex jgħarraf lill-Awtorita' bħala d-datur tal-impjieg tiegħu bl-andament tal-proċeduri kriminali li kien hemm għaddejjin kontra tiegħu, lanqas meta dawn ġew deċiżi b'mod definittiv fis-sena 2023 (xi ħaġa li l-Awtorita' saret taf biha biss wara li ġiet notifikata bl-imsemmi rikors*

*tal-15 ta' Ottubru, 2020 li għalih qed issir din ir-risposta) u sempliċiment baqa' jirċievi l-ħlas ta' kull xahar ta' nofs is-salarju mingħand l-Awtorita'.*

5. *Illi bla ebda preġudizzju għas-suespost għalkemm ir-rikorrent qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara illi t-talba tal-Awtorita' hija infondata, fl-istess waqt fil-korp tar-rikors minnu ppreżentat jiddikjara illi tali talba hija infondata biss in kwantu jirrigwarda l-perjodu mit-13 ta' Jannar, 2015 sad-9 ta' Ottubru, 2018 filwaqt li għalhekk qiegħed jaċċetta u jirrikonoxxi l-fondatezza tat-talba tal-Awtorita' għaż-żmien rimanenti.*

6. *Illi għal dawn il-motivi kollha r-rikors preżentat mill-imsemmi Roderick Baldacchino fil-15 ta' Ottubru, 2020 jimmerita li jiġi miċħud.*

**Provi:**

3. Rat in-nota tar-Reġistratur Qrati u Tribunali Ċivili tal-20 ta' Novembru 2020, li permezz tagħha ġiet annessa kopja legali tal-ittra uffiċjali numru 3195/2020 li fl-atti tiegħu l-proċeduri odjerni qed isiru (fol 15).

4. Rat l-affidavit ta' **Roderick Baldacchino** tat-3 ta' Frar 2021 (fol 21).

5. Rat in-nota tal-Awtorità tat-Trasport f'Malta tat-3 ta' Frar 2022, li permezz tagħha ġie ippreżentat il-ftehim kollettiv li kien viġenti (fol 31).

6. Semgħet ix-xhieda ta' **Roberta Cilia**, Senior Manager fl-HR Section fl-Awtorta` għat-Trasport f'Malta tat-28 ta' April 2022 (fol 59).

7. Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet li saret fis-7 ta'Marzu 2023.

8. Rat ili fis-7 ta' Marzu 2023, il-kawża ġiet differita ghas-sentenza għallum

**Fatti tal-każ**

9. Jirriżulta li l-Awtorità għat-Trasport kienet issospendiet lil Roderick Baldacchino mix-xogħol tiegħu, b' nofs paga b'effett mit-23 ta' Jannar 2013.

10. Jirriżulta li kien hemm proċeduri kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Roderick Baldacchino**, (13/2015) deċiżi fil-Qorti tal-Maġistrati fit-13 ta' Jannar 2015 u kkonfermati mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Ottubru 2018 (Dok A), fejn instab ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu (fol 3).

11. Jirriżulta wkoll li fit-8 ta' Ottubru 2020, permezz ta' Ittra Uffiċjali mibgħuta a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap 12, u ppreżentat fit-2 ta' Ottubru 2020, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta qed tippretendi r-rifużjoni tal-ammont ta' tmienja u erbgħin elf, sitt mija tnejn u erbgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€ 48,642.50) rappreżentanti nofs is-salarju mħallas lil Roderick Baldacchino meta kien sospiż.

12. Jirriżulta li r-rikorrent f'din il-proċedura qed isostni li l-proċedura istitwita fil-kamp penali, ġiet definittivament konkluża fid-9 ta' Ottubru 2018, u mhux nhar it-13 ta' Jannar 2015 u għalhekk dak mitlub mill-Awtorita' intimata huwa żbaljat.

13. Jirriżulta li Roderick Baldacchino ippreżenta l-proċeduri odjerni fil-15 ta' Ottubru 2020, fit-terminu ta' l-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Awtorità għat-Trasport f'Malta rrispondiet għal tali proċeduri fil-11 ta' Novembru 2021 (fol 12).

## Meritu tal-każ

14. Il-Qorti tibda billi tosserva li t-talba ta' Roderick Baldacchino tirrigwarda l-pretensjoni kif premessa fl-ittra uffiċjali ppreżentata fit-2 ta' Ottubru 2020, fejn l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, permezz ta' din l-ittra uffiċjali, qed tippretendi r-rifużjoni tal-ammont ta' tmienja u erbgħin elf, sitt mija tnejn u erbgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€ 48,642.50) rappreżentanti nofs is-salarju imħallas lil Roderick Baldacchino.

15. Jirriżulta li l-imsemmija ittra uffiċjali ġiet ippreżentata a tenur tal-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk, a tenur tal-artikolu 466(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrent Baldacchino kellu jippreżenta tali proċeduri f'każ illi qed jikkontesta dak hemm mitlub.

16. **L-artikolu 466 tal-Kap 12** jiddisponi:

> (1) *Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud, stabbilit bil-liġi, jew rappreżentanza legali ta' xi kumpanija, jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern, jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern, jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu, jew lill-korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għad-dritt ta' xi liċenzja jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-Reġistratur, Imħallef jew Maġistrat, li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur, u jikkonferma li dak id-debitu ikun dovut.*
>
> *Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ukoll japplikaw, fir-rigward ta' ammonti dovuti għall-provvediment ta' ilma u elettriku u anki ta' meters relatati, iżda m'għandhomx japplikaw meta qabel ma tingħata in-notifika, meħtieġa taħt is-subartikolu (2), il-persuna li mingħandha l-ammont qed jiġi mitlub, tkun avżat lir-rikorrent sew permezz ta' att ġudizzjarju jew permezz ta' ittra reġistrata li qiegħda tikkontesta il-meter, il-kalkolu jew l-ammont dovut fir-rigward ta' dak il-provvediment jew il-kiri ta' dak il-meter.*
>
> (2) *Id-dikjarazzjoni imsemmija fis-subartikolu (1) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju, u għandu jkollha l-istess effett daqs li kieku kienet ġudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba id-debitur, fi żmien għoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jippreżenta rikors, li fih jitlob li l-Qorti tiddikjara it-talba bħala waħda infondata.*

*(3) Ir-rikors ippreżentat skond is-subartikolu (2,) għandu jiġi notifikat lill-Kap tad-Dipartiment, li jkollu dritt jippreżenta risposta fi żmien 20 jum. Il-Qorti tgħaddi biex tappunta dak ir-rikors għas-smigħ, f' jum li jiġi wara li jgħaddi dak iż-żmien.*

*(4) F'każijiet ta' xorta urġenti, il-Qorti tista', wara li jsirilha rikors mill-kreditur, jew mid-debitur, tqassar kull żmien perentorju bħalma huwa provdut f'dan l-artikolu bil-mezz ta' digriet li jiġi nnotifikat lill-parti l-oħra.*

17. Dwar tali proċeduri, ta' min isemmi is-sentenza **Direttur tal-Kummerċ vs Scerri** deċiża fl-4 ta' Diċembru 1998, mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fejn dwar il-portata tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 qabel u wara l-emendi tal-Att XXIV tal-1995, ingħad is-segwenti:

    *"L-artikolu 466 tal-Kap 12 kien maħsub biex jipprovdi il-proċediment eżekuttiv partikolari għall-Gvern biex jiġi assigurat il-ħlas tal-krediti lilu dovuti, pero ma kienx lanqas kif kien dak iż-żmien redatt, jeskludi l-possibbilta lid-debitur eżekutat jikkontesta l-pretensjoni tal-Gvern kif dedotta f'dak il-mandat.*

    *Dak l-artikolu u oħrajn sussegwenti, allura jiddistingwu bejn l-eżegwibilità immedjata ta' kreditu pretiż mill-Gvern u id-dritt tad-debitur li jħossu aggravat bi proċedura speċjali, entrata kontra tiegħek biex jikkontesta l-pretensjoni tal-Kap tad-Dipartiment, u jitlob mhux biss dak illi hi min għandu elevat biex jinbiegħ imma wkoll il-ħlas tad-danni mingħand il-Gvern............. Dan qabel ma ġiet fis-seħħ l-emenda bl-Att XXIV tal-1995, li radikalment biddlet il-natura ta' dan il-proċediment speċjali, billi assigurat li l-eżekutat mezz xieraq ta' difiża kontra kull arbitrarjetà.*

18. Għaldaqstant, huwa ċar illi l-liġi tagħti rimedju lir-rikorrenti Baldacchino, f'każ illi huwa ma jaqbilx ma' dak mitlub mill-Awtorita'.

**Kontestazzjoni**

19. Jibda biex jingħad, li fil-każ in eżami, dak mitlub fl-ittra uffiċjali jirrappreżenta nofs is-salarju mħallas lill-Roderick Baldacchino, waqt li huwa kien sospiż mill-impjieg tiegħu mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

20. Jirriżulta, di fatti, li huwa minnu kif sostnut li huwa kien sospiż mix-xogħol b' nofs paga b'effett mit-23 ta' Jannar 2013, u dan wara li r-rikorrent kien soġġett għall-proċeduri kriminali.

21. Jirriżulta illi l-proċeduri kirminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ġew konklużi fit-13 ta' Jannar 2015, u eventwalment ġew appellati, fejn finalment ġew deċiżi definittivament mil-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Ottubru 2018.

22. Jiġi osservat, li minn qari tal-ittra uffiċjali eżebita a fol 16, u d-dokumenti annessi magħha, Dok A, B, u C, li hemm diversi inkorrettezzi.

23. Jirriżulta, fl-ewwel lok, hemm indikat fl-ittra uffiċjali li Roderick Baldacchino, instab ħati b'sentenza mogħtija fit-13 ta' Jannar 2015, **li minnha ma sar l-ebda appell**. Dan mhuwiex minnu, għaliex huwa manifestament ċar, li s-sentenza mogħtija fit-13 ta' Jannar 2015 ġiet appellata u hi definittivament deċiża minn Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Ottubru 2018. Din hija inkorrettezza serja, għaliex l-ittra uffiċjali in kwistjoni hija ibbażata fuq il-premessa li Roderick Baldacchino, instab ħati fit-13 ta' Jannar 2015, meta fil-fatt instab ħati fid-9 ta' Ottubru 2018 permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appel Kriminali.

24. Jirriżulta wkoll, fit-tieni lok, li fid-dikjarazzjoni ġuramentata ta' Roberta Cilia, eżebita a fol 17, ġiet ripetuta l-istess inkorrettezza li ma kien hemm l-ebda appell mis-sentenza deċiża fit-13 ta' Jannar 2015. Inoltre`, fl-istess dikjarazzjoni, ingħad li l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, waqqfet il-ħlas ta' salarju ta' Roderick Baldacchino, u waqqfet l-impjieg tiegħu, li ġie terminat b'effett mit-13 ta' Jannar 2015, jidher f'Dok C fol 19. Għal darba oħra, tali asserzjoni hija inkorretta, għaliex mhuwiex minnu li l-impjieg ġie terminat f'din id-data, propju għaliex, bejn it-13 ta' Jannar 2015 u id-9 ta' Ottubru 2018, is-sentenza ma kinetx għadha waħda finali, u għalhekk ma setax jitqies li instab ħati fit-13 ta' Jannar 2015, kif dikjarat mill-Awtorita'.

25. Hawnhekk, huwa tajjeb illi jiġi puntwalizzat, li d-dritt mogħti lill-Awtorita' biex tissospendi lil Baldacchino u illi Baldacchino jitħallas nofs is-salarju waqt li kien sospiż, kien skond il-collective agreement.

26. Fil-fatt, il-collective agreement eżebit fl-atti, preċiżament fil-klawsola 40.9 igħid:

    *"F'dawn il-każijiet indikati u oħrajn ikkunsidrati tan-natura serja għandhom ikunu kkunsidrati li jiġġustifikaw sospensjoni mix-xogħol sommarja b' nofs paga, u għandhom dejjem jitressqu quddiem il-Bord ta' Dixxiplina. Din is-sospensjoni, li hija fid-diskrezzjoni tal-manaġment, tista' tkun għal żmien definit jew sa ma jiġu konklużi l-proċeduri ta' dixxiplina kif indikati aktar l-isfel."*

    Fil-klawsola 40.8, il-kwistjoni tan-nofs paga hija indikata b'mod ċar:

    *"Dawn in-nuqqasijiet murija hawn taħt - liema lista m'għandhiex tkun ikkunsidrata li hi konklussiva - jitqiesu bħala nuqqasijiet serji kemm jekk isiru kontra l-awtorita`, kif ukoll jekk magħmula bi ħsara għal impjegati oħra jew għal terzi persuni. Impjegat akkużat b'xi waħda minn dawn in-nuqqasijiet jista' jkun sospiż immedjatament mix-xogħol b' nofs paga, sa ma jsiru l-investigazzjonijiet jew sakemm jinstema' l-każ. **Ħaddiem sospiż għandu dejjem tal-anqas jirċievi nofs paga."***

27. Dan ifisser li, dak imħallas lil Roderick Baldacchino, u dak mitlub fl-ittra uffiċjali tat-2 ta' Ottubru 2020, ġie mħallas skond il-collective agrrement, b'hekk ma jirriżultax li kien hemm raġuni għaliex qed jintalab l-ammont mitlub fl-imsemmija ittra uffiċjali.

28. Huwa minnu, iżda, illi fid-9 ta' Ottubru 2018, is-sentenza definittiva ngħatat lill-Roderick Baldacchino, u għalhekk l-Awtorita' **minn dakinhar** setgħet tieħu l-proċeduri illi dehrilha opportuni – mhux minn qabel!

29. Għaldaqstant, il-Qorti tara illi, fil-każ odjern, ladarba l-Awtorità għat-Trasport f'Malta għażlet li tippreżenta ittra uffiċjali bl-inkorrettezzi hawn fuq imsemmija, u meta jirriżulta bl-aktar mod ċar, illi l-ammont ta' nofs il-paga li tħallas lil Roderick Baldacchino, waqt is-sospensjoni tiegħu, kienet skont il-collective agreement, ifisser li l-Awtorità għat-Trasport f'Malta kienet żbaljata f'dak illi hija talbet fl-Ittra Uffiċjali tat-2 ta' Ottubru 2020 illi r-rikorrent qiegħda hawnhekk jikkontesta.

30. Konsegwentement, in vista tas-suespost, ser tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta, u tilqa' t-talba tar-rikorrent Roderick Baldacchino, u tiddikjara li t-talba kif kontenuta fl-ittra uffiċjali numru 3195/20 tat-2 ta' Ottubru 2020 bħala waħda infondata.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta.

**Tilqa'** it-talba ta' Roderick Baldacchino u għalhekk:

**Tiddikjara** li t-talba tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, kif kontenuta fl-ittra uffiċjali numru 3195/20 tat-2 ta' Ottubru 2020, bħala waħda infondata u għalhekk l-Ittra Uffiċjali ma għandha ebda effett fil-Liġi fil-konfront ta' Roderick Baldacchino..

**L-ispejjeż** għall-proċedura odjerna, għandhom ikunu a kariku tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur